# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1247

KAZ NRU 1572

Fil Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Elaine Dimech

u

Salon Services Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 14 ta' Dicembru 2001

**Chairman: Is-Sur Colin Tabone**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta` ittra datata 11 ta' Settembru, 2001 b`Rif MSP/T1/66/2001 biex dan it-Tribunal jiddeciedi dwar tkeccija allegata ngusta skond L-Artiklu 28(2) ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanta, Miss Elaine Dimech, kienet assistita mis-Sur Oreste Sammut. Min naha tas-socjeta' ntimata ma deher hadd u lanqas l-istatement of case ma gie pprezentat.

Fl-ewwel seduta dehret biss l-appellanta assistita mis-Sur Oreste Sammut u s-seduta giet proposta ghal data ohra.

Fit-tieni seduta rega' ma deher hadd min naha tas-Socjeta' ntimata u t-Tribunal Industrijali ddecieda li jisma' x-xhieda ta' l-appellanta u wara jaghti d-decizzjoni.

## 2. Dikjarazzjoni tal-Kaz

L-appellanta kienet impjegata ma' Salon Services Ltd mill-1 ta' Gunju 2000 sal-15 ta' Mejju 2001 bhala hairdresser sa l-ahhar ta' Dicembru 2000 u wara bhala sales representative mill-1 ta' Jannar 2001.

Hi allegat li talbet jumejn leave mill-ghoxrin gurnata leave li kien baqalha. Dawn gew approvati. Meta rritornat lura ghax-xoghol id-direttur tas-socjeta' ntimata qalilha li tilef il-fiducja li kellu fiha ghax mhux vera li kienet imsiefra u ordnalha titlaq 'il barra. L-appellanta kienet qaltlu li ma kinitx ser tkun Malta. Fil-fatt marret Ghawdex.

Wara it-tkeccija gie mjegat persuna ohra minflokha.

## 3. Osservazzjonijiet

L-appellanta xehdet u kkonfermat il-kaz taghha. Gie dikjarat li kellha commission fuq is-sales li ma nghatatx u li ma thallsitx ta' 18-il jum leave li baqalha.

L-appellanta ddikjarat li qatt ma kellha warning u li ghadha bla xoghol u tirregistra Part B.

It-Tribunal mix-xhieda li kellu quddiemu iqis li ma kienx hemm raguni valida skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha, u li s-socjeta' ntimata naqset li thallas il-kumplament tal-leave u il-commission.

L-agir tal-Kumpanija huwa kkundannabbli talli wriet disprezz bl-assenza taghha mis-seduti lejn it-Tribunal Industrijali.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-tkeccija saret bi ksur tal-ligi u mhux ghal kawza gusta. Jinnota wkoll li l-appellanta ghadha bla xoghol. Ghaldaqastant it-Tribunal Industrijali jordna lis-socjeta' ntimata li tillikwida danni ta' elf lira maltin (Lm1,000) favur l-appellanta **fi zmien 15-il gurnata mid-data tad-decizjoni.**

Ghal finijiet tal Avviz Legali Nru 48 tal 1986 it-Tribunal jistabbilixxi id-dritt ta' min assista l-appellanta fl-ammont ta' hmistax-il lira maltin (Lm15).

B`hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Colin Tabone**
**Chairman**

**Mary Rose Galea**
**Ghas/Segretarju**